# Deni u Flissjoni

"Ara x'ġibtlek, Pietru," qal in-nannu Fonz hekk kif daħal b'kaxxa kbira tal-kartun mimlija *comics* qodma. "Dawn kollha għalik. Xtrajthomlok mingħand Menu r-regettier."

Pietru ħassu jinqata' mill-art bil-ferħ għax il-*comics* kienu l-għaxqa tiegħu. Jaqrahom ma kienx jaf, iżda l-istampi kienu jsaħħruh u tgħidx kemm kien idum jiflihom. Ma kien jixba' qatt jara l-*comics*, u meta jiddobba xi ftit kien jintilef fihom u lanqas biex jiekol ma kien jitħajjar iwarrabhom minn quddiemu. (U ma niskantax għax anki jien kont nissaħħar mill-*comics* li kienu joħorġu dak iż-żmien. L-iktar magħrufa kienu l-*Beano* u d-*Dandy*—it-tnejn daqs il-karti li llum nużaw għall-kompjuter—u t-*Topper* u l-*Beezer*—li kienu kbar daqs folja ta' gazzetta.)

"Ma stajtx iġġiblu ħaġa aħjar," qalet omm Pietru waqt li telqet kollox minn idejha u marret tagħmel kikkra te lin-nannu. "Xejn ħlief il-*comics* ma jżommu kwiet u 'l bogħod mill-għawġ."

Iżda Gerit marret żmerċ dakinhar għax, minħabba dawk l-imberkin *comics*, Pietru kellu jagħmel waħda mill-agħar bawxati tiegħu. Intilef mill-ewwel iqalleb fil-kaxxa u jagħżel l-isbaħ *comics* biex jibda bihom, u meta fl-aħħar refa' ftit rasu mill-kaxxa, in-nannu Fonz kien ġa xorob it-te u telaq.

Dik il-lejla għaddieha jara l-*comics*. Ma kontx tisma' ħossu ħlief meta jinfexx jidħaq waħdu għal dak li jkun qed jara. Anki fis-sodda, qabel ma raqad, għadda ħafna ħin medhi mal-*comics*. Anzi hemm, fis-sodda, ħa l-ikbar gost. Fl-aħħar ommu ġagħlitu jitfi d-dawl biex jorqod, imma dam ħafna mqajjem fid-dlam, jaħseb waħdu fuq il-karattri tal-*comics*. U ġo qalbu kienet nibtet xewqa kbira li l-għada, flok ma jmur l-iskola, jibqa' mgeddes hemm fis-sodda jara l-*comics*!

"Imma ommi żgur mhix se tħallini nfalli l-iskola, jekk ma nkunx marid …" beda jgħid f'qalbu. "Oqgħod, naf x'nagħmel," iddeċieda

wara ftit, “nilgħabha tal-marid u ngħid li għandi d-deni … Imma meta mbagħad tippruvali l-ħġieġa tad-deni malajr tinduna li mhux veru … Tgħid kif nagħmel?”

Dan l-aħħar ħsieb sewwidlu qalbu, iżda mbagħad ftakar li darba s-Sur Borg kien għamlilna lezzjoni fuq il-ħġieġa tad-deni u fissrilna kif taħdem. Kien qalilna li ġo fiha jkun hemm il-merkurju, xi ħaġa lewn il-fidda, li bis-sħana ta’ ħalqna tikber u titwal, u iktar ma titwal iktar turi li għandna deni. “Bis-sħana titwal,” kompla jaħseb Pietru. “Issa jekk flok is-sħana ta’ ħalqna ssib xi sħana oħra xorta titwal …” Ftit wara kien rieqed qisu ħaruf. Fuq wiċċu kellu t-tbissima ta’ wieħed kuntent. Kien ġieh f’rasu x’kellu jagħmel biex ommu taħseb li kellu d-deni.

L-għada filgħodu, meta ommu sejħitlu bħas-soltu, qam bit-tnikkir, inħasel bħal qattus u libes bla kont ta’ xejn. Żamm wiċċu mqarras iżda ma qalx li ma kienx jiflaħ. Ommu, bħas-soltu, xwietlu kisra ħobż u għamlitlu kikkra kafè bil-ħalib. Imbagħad qabdet tlestilu l-kolazzjon biex jieħdu miegħu l-iskola.

“Ma, qed inħossni stordut u l-istonku

juġagħni," beda jħarref malli ra l-kikkra tal-kafè jaħraq quddiemu. "Naħseb li għandi deni ta' żiemel!"

"Fittex kul il-ħobż u ixrob il-kafè ħalli tmur l-iskola," ħatfitu ommu li donnha xammet x'kellu f'moħħu. "Ġej bid-deni ta' żiemel! M'għandekx ukoll xi flissjoni ta' baqra, hux?"

"Aħjar tippruvali għandix deni," insista Pietru, "li ma mmurx ninstabat mal-art u nibqa' stendut f'nofs ta' triq."

"U kemm se tgħaġġibha!" reġgħet ommu b'idha fuq ġbinu. "Lanqas moħħok ma jaħraq."

Iżda Pietru baqa' jinsisti li tippruvalu l-ħġieġa tad-deni u, biex taqtagħlu fil-qasir, Gerit marret iġġibha. Poġġietlu t-termometru f'ħalqu u qaltlu biex iżommu taħt ilsienu sa ma tgħidlu hi. Imma Pietru kien pront ħareġ il-ħġieġa minn ħalqu u qalilha li kien sema' l-bieb iħabbat.

"Ħalli mmur nara min ġie," qaltlu ommu li kienet belgħet il-lixka. "Erġa' poġġi l-ħġieġa f'ħalqek u ħalliha taħt ilsienek sa ma niġi."

"Pietru għamel kif qaltlu ommu, iżda hekk kif kienet warrbet, neħħa t-termometru minn ħalqu u … poġġieh fil-kafè jaħraq! Kellu f'moħħu

li jħallih ftit hemm u mbagħad jerġa' jpoġġih f'ħalqu biex meta tiġi ommu taħseb li kellu ħafna deni. Iżda b'dik is-sħana qawwija tal-kafè, il-merkurju tant kiber u twal li qasam il-ħġieġa!

Pietru ma riedx lil ommu tinduna li kien ipprova jgħaddiha minn għajn il-labra, għalhekk għamel ħiltu kollha biex jipprova jtella' l-ħġieġa miksura mill-kikkra tal-kafè. Iżda kull darba li daħħal sebgħu fil-kikkra beda jisomtu bil-kafè jaħraq. U meta ommu reġgħet lura, sabitu jħares lejn il-kikkra u jħokk rasu.

"Ħriġtni barra għalxejn, galantom!" qaltlu rrabjata. "Ġej bil-bieb iħabbat! Naħseb li bid-deni li għandek qed tisma' ħażin … U fejn hi l-ħġieġa tad-deni? Fejn poġġejtha?"

"Naħseb … naħseb li daqskemm jien stordut ma nafx … ma nafx x'qed nagħmel …" beda jlaqlaq Pietru. "Naħseb li bi żball poġġejtha fil-kafè … u għandu jkun … inqasmet xi ftit …"

Gerit baqgħet għal ftit tħares skantata lejn il-kikkra, iżda ma damitx ma fehmet għala Pietru kien qalilha li ħabbat il-bieb. Ġagħlitu jmur fil-kamra tal-banju jaħsel idejh sewwa bis-sapun għax kienet semgħet li l-merkurju velenuż. U


F Schembri